



Kunsill Ewropew

Brussell, 18 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

EUCO 24/25

CO EUR 20
CONCL 6

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (18 ta' Diċembru 2025) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet ma' Volodymyr Zelenskyy, il-President tal-Ukrajna.
2. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta l-aħħar żviluppi fir-rigward tal-Ukrajna. Huwa evalwa l-ħidma li għaddejja biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet finanzjarji urġenti tal-Ukrajna għall-2026-2027, fid-dawl tal-għażliet ippreżentati mill-Kummissjoni.
3. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li jipprovdi self lill-Ukrajna ta' EUR 90 biljun għas-snin 2026-2027 abbażi tas-self tal-UE fuq is-swieq tal-kapital, appoġġati mill-marġni ta' manuvra baġitarja tal-UE. Permezz tal-kooperazzjoni msaħħa (l-Artikolu 20 TUE) fir-rigward tal-istrument ibbażat fuq l-Artikolu 212 TFUE, kwalunkwe mobilizzazzjoni tar-riżorsi tal-baġit tal-Unjoni bħala garanzija għal dan is-self mhux ser ikollha impatt fuq l-obbligi finanzjarji tar-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovakkja.
4. Dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha, f'konformità mat-Trattati.
5. It-test li jinsab fid-dokument EUCO 26/25 ġie appoġġat bis-sħiħ minn 25 Kap ta' Stat jew ta' Gvern.
6. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu li jmiss.

II. LVANT NOFSANI

7. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 2803 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-istabbiliment tal-Bord ta' Paċi u Forza Internazzjonali ta' Stabbilizzazzjoni temporanja, kif deskritt fil-Pjan Komprensiv biex Jintemm il-Kunflitt f'Gaza. Huwa jappella lill-partijiet kollha biex jimplementaw ir-Riżoluzzjoni fl-intier tagħha, u f'konformità mal-prinċipji politiċi u legali internazzjonali rilevanti. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġi stabbilizzat l-ambjent tas-sigurtà f'Gaza, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2803 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, fost l-oħrajn billi jiġi żgurat id-dekummissjonar permanenti tal-armi mill-Hamas u gruppi armati mhux statali oħrajn.

8. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tal-UE għad-dritt internazzjonali u għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fejn żewġ stati demokratiċi, Iżrael u l-Palestina, jgħixu maġenb xulxin fil-paċi fi fruntieri siguri u rikonoxxuti. L-Unjoni Ewropea ser tikkontribwixxi għall-isforzi kollha għal din is-soluzzjoni.
9. L-Unjoni Ewropea hija marbuta li tikkontribwixxi għal din l-implimentazzjoni, fost l-oħrajn permezz ta' mandat imsaħħaħ għall-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) u l-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS), kif ukoll bl-involviment fiċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni Ċivili-Militari (CMCC). Hija tinsab lesta li tappoġġa l-istabbiliment tal-Bord ta' Paċi u ser tkun involuta b'mod attiv mas-sħab dwar il-passi li jmiss.
10. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq il-ħtieġa ta' twassil rapidu, sikur u mingħajr xkiel tal-għajjnuna umanitarja fuq skala kbira, u tad-distribuzzjoni sostnuta tagħha lejn Gaża u madwarha, inkluż permezz tal-Kuritur Marittimu ta' Ċipru biex jiġu ssupplimentati r-rotot fuq l-art, f'konformità mal-prinċipji tad-dritt umanitarju internazzjonali, u jenfasizza wkoll il-ħtieġa li n-NU u l-aġenziji tagħha, u l-organizzazzjonijiet umanitarji, ikunu jistgħu jaħdmu b'mod indipendenti u imparzjali. F'dan ir-rigward huwa jappella lil Iżrael biex ma jimplimentax il-liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-NGOs fil-forma attwali tagħha. Il-Kunsill Ewropew jappella b'mod partikolari biex oġġetti essenzjali, bħall-oġġetti għar-refuġju, provvisti għat-tnejn għax-xitwa, kif ukoll dawk mediċi, jitħallew jidħlu f'Gaża.

11. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-ħtieġa li l-partijiet ikkonċernati internazzjonali u reġjonali jipprovdu appoġġ għall-bini mill-ġdid u l-iżvilupp ta' Gaża, f'konformità mad-dritt internazzjonali. Abbażi tal-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Donaturi għall-Palestina tal-20 ta' Novembru 2025, l-Unjoni Ewropea ser iżżomm djalogu mas-sħab kollha biex tikkontribwixxi għall-isforzi ta' rkupru u bini mill-ġdid u tkompli tappoġġa lill-Awtorità Palestinjana, inkluż fl-aġenda ta' riforma li għandha għaddejja. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew itenni l-importanza tal-implimentazzjoni tal-programm ta' riforma tal-Awtorità Palestinjana sabiex din tkun tista' tiegħu lura l-kontroll ta' Gaża b'mod sigur u effettiv. Jappella lil Iżrael biex jirrilaxxa b'urġenza d-dħul miżmum minn dazji u imposti u jestendi s-servizzi ta' korrispondenza bankarja bejn il-banek Iżraeljani u dawk Palestinjani, li huma t-tnejn meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Awtorità Palestinjana u l-ġhoti ta' servizzi essenzjali lill-popolazzjoni.

12. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa ż-żieda massiva fil-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti kontra ċ-ċivili Palestinjani, inkluż il-vjolenza kontra l-komunitajiet Insara, kif ukoll il-politiki u t-theddid ta' spostament bil-forza u ta' annessjoni, fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant. Huwa jħeġġeġ lill-Gvern ta' Iżrael jirrispetta l-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali u jipproteġi lill-popolazzjoni Palestinjana fit-territorji okkupati. Jappella lill-Gvern ta' Iżrael biex ireġġa' lura l-espansjoni tal-insedjamenti, li huma illegali skont id-dritt internazzjonali. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu biex jiġi ppreservat u rrispettat l-Istatus Quo tal-imkejjen imqaddsa ta' Ġerusalemm. Huwa jtenni wkoll l-appell tiegħu lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq aktar miżuri restrittivi kontra l-abitanti estremisti tal-insedjamenti u l-entitajiet u l-organizzazzjonijiet li jappoġġawhom.

Libanu

13. Il-Kunsill Ewropew jappella għat-tnaqqis tat-tensjoni fir-reġjun f'sens wiesa', u jissottolinja l-ħtieġa li titħares l-istabbiltà fil-Libanu. Huwa jtenni l-appoġġ tiegħu għall-istabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u tas-sigurtà tal-Libanu kif ukoll għar-rikostruzzjoni tiegħu, u jappoġġa l-isforzi tal-Gvern li jstabilixxi l-monopolju tal-Istat fuq iż-żamma tal-armi. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sod tiegħu għar-rwol fundamentali tal-Forza Interim tan-Nazzjonijiet Uniti fil-Libanu (UNIFIL). Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-attakki reċenti kontra l-UNIFIL u jappella għal investigazzjoni bir-reqqa. Attakki bħal dawn kontra l-membri tal-forzi taż-żamma tal-paċi tan-NU jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt internazzjonali, huma totalment inaċċettabbli u jridu jjeqfu immedjatament. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu lill-partijiet kollha biex jirrispettaw u jimplementaw it-termini tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tas-27 ta' Novembru 2024 u għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni 1701 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. F'dan ir-rigward, jappella għad-diżarm sħiħ tal-Hezbollah u gruppi armati mhux statali oħrajn fil-Libanu. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istat Libaniż u l-isforzi tiegħu għall-bini tal-Istat, inkluż billi tikkontribwixxi għat-tiżhij tal-Forzi Armati Libaniżi.

Sirja

14. Sena wara l-waqgħa tar-reġim ta' Assad, il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ tiegħu għal tranżizzjoni paċifika u inklużiva fis-Sirja u jissottolinja l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet tas-Sirjani minn kull sfond etniku u reliġjuż, mingħajr diskriminazzjoni. Huwa jesprimi tħassib dwar l-indhij minn barranin fil-proċess tranżitorju tas-Sirja u jħeġġeġ lill-atturi kollha, kemm domestiċi kif ukoll esterni, biex jirrispettaw bis-sħiħ l-unità, l-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tas-Sirja, f'konformità mad-dritt internazzjonali.

III. DIFIŻA U SIGURTÀ TAL-EWROPA

15. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki ibridi reċenti kontra l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Minħabba l-kampanja ibrida intensifikata tar-Russja u l-Belarusija, jappella għall-aċċellerazzjoni tal-isforzi biex tissaħħaħ ir-reżiljenza, tkun protetta l-infrastruttura kritika, u jiġu pprevenuti, skoraġġuti u mwieġba l-attakki ibridi mal-Unjoni kollha, bl-użu tal-politiki u l-istrumenti rilevanti kollha, fost l-oħrajn permezz ta' aktar miżuri restrittivi kontra dawk il-pajjiżi.

16. Filwaqt li jfakkar li l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u r-riperkussjonijiet tagħha għas-sigurtà Ewropea u dinjija f'ambjent li qed jinbidel jikkostitwixxu sfida eżistenzjali għall-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet preċedenti tiegħu dwar id-difiża u s-sigurtà tal-Ewropa bl-għan li tiżdied b'mod deċiżiv il-prontezza tad-difiża tal-Ewropa sal-2030, jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi u jiġu indirizzati l-lakuni fil-mezzi kritiċi, inkluż fil-qasam tal-ispazju, b'approċċ ta' 360°. B'segwitu għall-preżentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030, huwa eżamina l-ħidma li għaddejjja b'rabta mal-koalizzjonijiet tal-abbiltajiet immexxija mill-Istati Membri, mal-oqsma ta' kapaċità prijoritarji u mat-tnedija ta' proġetti konkreti fl-ewwel nofs tal-2026, inkluż bl-appoġġ tal-istrument SAFE u l-istrument tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP), kif ukoll il-ħidma marbuta mat-tisħiħ tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża. Jilqa' l-inizjattivi f'dan ir-rigward, inkluż l-organizzazzjoni tas-summit tan-Naħa tal-Lvant f'Helsinki fis-16 ta' Diċembru 2025.

17. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament fir-rigward tal-inċentivar ta' investimenti relatati mad-difiża fil-baġit tal-UE u l-preżentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għat-Trasformazzjoni tal-Industrija tad-Difiża. Il-Kunsill Ewropew jappella biex tiġi intensifikata l-ħidma fuq il-fergħat kollha identifikati f'Ottubru 2025. Jappella wkoll lill-koleġiżlaturi jmessu 'l quddiem il-ħidma fuq proposti leġiżlattivi rilevanti bħala prijorità, bħall-pakkett Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża u l-proposta reċenti biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà militari. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim li ntlaħaq dwar il-parteċipazzjoni tal-Kanada fl-istrument SAFE.
18. Dan kollu huwa mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, u jqis l-interessi ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri kollha, f'konformità mat-Trattati.

IV. QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI LI JMISS

19. Wara l-ħidma preparatorja intensiva mwettqa matul dan is-semestru, il-Kunsill Ewropew ħa nota tal-preżentazzjoni tal-abbozz ta' Kaxxa ta' Negożjar żviluppat mill-Presidenza Daniża u kellu skambju ta' fehmiet dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur.
20. Huwa jappella lill-Presidenza li jmiss biex tkompli l-ħidma, bil-ħsieb ta' qbil f'waqtu. Qbil qabel tmiem l-2026 jippermetti l-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi fl-2027, meħtieġa biex jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE jasal għand il-benefiċjarji mingħajr interruzzjoni f'Jannar 2028.

V. TKABBIR U RIFORMI

21. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar it-triq 'il quddiem fir-rigward tat-tkabbir, inkluż aspetti relatati mar-riformi interni.

22. Filwaqt li fakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill Ewropew jisħaq fuq l-importanza tat-tkabbir bħala investiment ġeostrateġiku fil-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità. Huwa mutur għat-titjib tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali taċ-ċittadini Ewropej, għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-pajjiżi, u jrid irawwem il-valuri li fuqhom hija msejsa l-Unjoni. B'ħarsa 'l quddiem lejn il-prospett ta' Unjoni akbar milli hi, jeħtieġ li kemm l-Istati Membri futuri kif ukoll l-UE jkunu lesti fi żmien l-adeżjoni. Jeħtieġ li l-membri aspiranti jżidu l-isforzi tagħhom ta' riforma, b'mod partikolari fil-qasam tal-istat tad-dritt, skont in-natura meritokratika tal-proċess ta' adeżjoni u bl-assistenza tal-UE. B'mod parallel, jeħtieġ li l-Unjoni tħejji l-bażi u r-riformi interni meħtieġa. Dan jagħmel lill-Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u jżid is-sovranià Ewropea.
23. Peress li l-proċess tat-tkabbir qed jimxi 'l quddiem, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta r-rieżamijiet tal-politika fil-fond tagħha sabiex din il-ħidma tavvanza b'mod parallel.

VI. MIGRAZZJONI

24. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, u wara l-ittra reċenti mill-President tal-Kummissjoni, il-Kunsill Ewropew evalwa l-progress li sar fl-implimentazzjoni tagħhom. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella biex tkompli l-ħidma intensifikata fuq l-oqsma kollha bħala kwistjoni ta' prijorità, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali.

VII. ĠEOEKONOMIJA U KOMPETITTIVITÀ

25. Il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni strateġika dwar is-sitwazzjoni ġeoekonomika u l-implikazzjonijiet tagħha għall-kompetittività tal-UE.

VIII. PUNTI OĦRA

Patt għall-Mediterran

26. Tletin sena wara li tnieda l-Proċess ta' Barcellona, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2025 dwar il-Patt għall-Mediterran (Baħar Wieħed, Patt Wieħed, Futur Wieħed). Il-Patt huwa opportunità biex ir-relazzjonijiet tal-UE mas-sħab tagħha tan-Nofsinhar tal-Mediterran jissawru mill-ġdid permezz ta' impenn politiku mġedded. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-implimentazzjoni rapida u effiċjenti tiegħu, appoġġata mill-mobilizzazzjoni ta' għodod ta' politika rilevanti tal-UE u permezz ta' sinerġiji mal-Unjoni għall-Mediterran, biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet reġjonali komuni fi spirtu ta' sjieda konġunta, interess reċiproku u responsabbiltà konġunta.

Ġlieda kontra l-antisemitiżmu, ir-razziżmu u l-ksenofobija

27. Wara l-attakk antisemitiku reċenti f'Sydney, il-Kunsill Ewropew jestendi l-kondoljanzi sinċiera tiegħu lill-familji u l-ħbieb tal-vittmi u jinsab f' solidarjetà mal-Awstralja u mal-komunitajiet Lhud madwar id-dinja. Il-Kunsill Ewropew itenni l-kundanna tiegħu bl-aktar mod qawwi possibbli tal-forom kollha ta' antisemitiżmu u mibegħda, intolleranza, razzizzmu u ksenofobija, inkluż il-mibegħda anti-Musulmana. Huwa jistenna b'interess il-preżentazzjoni li jmiss mill-Kummissjoni dwar l-istrateġija kontra r-razziżmu.
28. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw is-segwitu tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar is-sostenn tal-ħajja Lhudija u l-ġlieda kontra l-antisemitiżmu tal-15 ta' Ottubru 2024, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni tal-istituzzjonijiet Lhud.

Il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin

29. Wara l-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-Tarka Ewropea għad-Demokrazija, il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza li tissaħħaħ ir-reżiljenza demokratika tal-Ewropa. Huwa jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin (FIMI), u li titħares il-media ħielsa u pluralistika. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jenfasizza r-responsabbiltà legali tal-pjattaformi fil-ġlieda kontra t-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-kontenut illegali. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-awtonomija regolatorja tal-UE fl-isfera diġitali.

Strateġija makroreġjonali għall-Atlantiku

30. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex sa Ġunju 2027 tiżviluppa strateġija makroreġjonali tal-UE għall-Atlantiku, b'kont meħud tal-Istrateġija Marittima għall-Atlantiku u l-Pjan ta' Azzjoni għall-Atlantiku eżistenti.
